# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  461/98 M1 NA**

**Francis Portelli**

**vs**

**Francis Sammut u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-6 ta' Marzu 1998 fejn ippremetta:

"Illi skond l-att ta' twelid tieghu, l-attur twieled fis-27 ta' Settembru 1948, minghand ommu Anna Portelli u missier mhux maghruf - Dokument "A";

Illi hames snin ilu l-attur sar jaf li l-konvenut huwa l-missier biologiku u naturali tieghu;

Illi l-konvenut ma jridx jirrikonoxxi lill-ibnu fl-imsemmi att ta' twelid, ghalkemm jafferma hu stess li hu l-missier naturali tieghu;

TALAB li dina l-Qorti:

1. tiddikjara l-konvenut Francis Sammut, bhala l-misser naturali u biologiku tieghu l-paternita' ta' l-attur u konsegwentement;

2. tordna li ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' l-attur u precizament fit-tieni, tielet, raba', hames u sitt kolonna ta' l-istess Att fejn hemm indikat "Isem u Kunjom", "Professjoni", "Snin", "Fejn Twieled u Fejn Joqghod", u "Isem u Kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet", ta' "missier it-tarbija", u minflok issir korrezzjoni u "Isem u Kunjom il-missier" jitnizzlu bhala Francis Sammut u ma jibqghux "unknown father" u dan ai termini ta' l-Artikoli 289 (1) u 291 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kotnra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esibit.

Rat il-pubblikazzjoni li saret fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Gunju 1998 (Numru 16632) li ghaliha ma kienx hemm opposizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tas-6 ta' Lulju 1998 fejn eccepixxa:

1. "Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u skond il-ligi u soddisfacenti skond il-ligi;

2. Illi bla pregudizzju, l-attur irid jitlob ukoll li d-dettalji ta' Francesco Sammut jigu inseriti fl-Att tat-Twelid ta' l-istess attur;

3. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Francis Sammut tal-31 ta' Awissu 1998 fejn eccepixxa:

1. "Illi d-domandi ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti mhuwiex il-missier naturali u biologiku ta' l-attur kif qed jigi allegat mill-istess attur u kwindi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tal-24 ta' Settembru 1998 il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Caruana Curran biex jigbor il-provi. Sadanittant b'rikors tat-22 ta' Ottubru 1998 l-attur talab il-prova permezz tan-nomina ta' espert mediku fid-D.N.A., talba li giet opposta mill-konvenut Sammut fir-risposta tieghu tat-3 ta' Novembru 1998 filwaqt illi l-konvenut l-iehor Direttur tar-Registru Pubbliku rremetta ruhu.

L-Assistent Gudizzjarju zamm diversi seduti li minnhom dik utili kienet biss tas-16 ta' Marzu 1999 fejn xehed l-attur li esebixxa xi dokumenti, fosthom sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-11 ta' Frar 1949 fl-ismijiet "Antonia Portelli bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri Francesco vs Francesco Sammut".  Fis-seduta invece tat-28 ta' April 1999 l-attur iddikjara li ma kellux aktar provi.  Wara rikors ta' l-attur tas-16 ta' Lulju 1999 il-Qorti b'digriet ta' l-istess data laqghet talba ghall-korrezzjoni fit-tieni talba citattiva.

Fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2000 quddiem il-Qorti l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti ghas-6 ta' Novembru 2000 u meta dawna ma tressqux f'din is-seduta l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu bil-fakolta' moghtija lill-konvenuti li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet. Minkejja li skada t-terminu moghti dawn in-noti ta' l-osservazzjonijiet ma sarux kif ma gewxipprezentati eccezzjonijiet ulterjuri mill-konvenut Sammut kif kien iddikjara li kien sejjer jaghmel fl-ahhar seduta quddiem l-Assistenta Gudizzjarja u ghalhekk ma jezisti ebda ostakolu biex tkun tista' tinghata din is-sentenza.

Ikkunsidrat:-

**1.** Minkejja illi l-Qorti b'digriet taghha tal-5 ta' Novembru 1998 kienet irrizervat li tipprovdi dwar it-talba maghmulha mill-attur biex isiru t-testijiet tad-D.N.A. ma jidhirx illi hija fil-fatt ipprovdiet f'dan ir-rigward. Jinghad illi l-Qorti ma tistax iggieghel lil parti li tkun qieghdha topponi (bhal konvenut f'din il-kawza) li tissoggetta ruhha ghal dawn it-testijiet xjentifici. Il-Qorti pero' tista', kif sejra taghmel, tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha konsegwenza ta' dan ir-rifjut;

**2.** It-tieni eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku giet sorvolata bil-korrezzjoni awtorizzata u ghalhekk il-Qorti sejra tastieni milli tiehu aktar konjizzjoni taghha;

**3.** Il-provi mhumiex voluminuzi pero', fil-fehma tal-Qorti, huma sufficjenti ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici. Ix-xhieda ta' l-attur u r-rifjut tal-konvenut milli jissottometti ruhu ghal testijiet medici huma provi validi fihom innifishom minkejja li forsi, wahedhom, ma kienux ikunu sufficjenti. In aggiunta ma' dawn il-provi pero' hemm is-sentenza dettaljata ta' din il-Qorti fuq citata. F'din is-sentenza, li apparti milli kien fiha talba ghal alimenti, kellha wkoll talba dwar dikjarazzjoni ta' paternita', il-konvenut gie dikjarat il-missier naturali ta' l-attur fuq talba ta'

omm l-attur li kienet qed tagixxi bhala kuratrici *ad litem* tieghu.

Din il-Qorti kienet, fost provvedimenti ohra, hekk iddecidiet:

> "*Taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara lill-konvenut il-missier naturali tat-tifel Francesco msemmi fl-att tac-citazzjoni mit-twelid mir-relazzjonijiet illeciti tal-konvenut ma' l-attrici fis-27 ta' Settembru 1948 .....*"

Oltre dan din il-Qorti ma tistax tmur partikolarment, kif inghad, in vista tad-detall li kienet dahlet fih din il-Qorti, diversament presjeduta, biex waslet ghall-konkluzzjonijiet taghha. Tasal biss biex tghid illi hlief ghat-tieni talba attrici u hlief ghar-rifjut tal-konvenut Sammut li jirrikonoxxi din il-paternita' din il-kawza ma kenitx tkun necessarja peress illi l-materja fiha proposta hija gia' *res judicata*.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut Francis Sammut bhala l-missier naturali u biologiku ta' l-attur;

2. tordna li ssir korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' l-istess attur fis-sens illi u precizament fit-tieni, tielet, raba', hames u sitt kolonna ta' l-istess Att fejn hemm indikat "Isem u

Kunjom", "Professjoni", "Snin", "Fejn Twieled u Fejn Joqghod", u "Isem u Kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet", ta' "missier it-tarbija", jitnizzlu bhala "Isem u Kunjom il-missier" id-dettalji ta' Francis Sammut u ma jibqghux dawk ta' "unknown father".

Peress illi l-azzjoni odjerna giet necessitata biss bl-agir tal-konvenut Sammut huwa ghandu jbati l-ispejjes kollha tal-kawza, fil-waqt illi kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku mir-Registratur ta' dawn il-Qrati kif rikjest mil-ligi.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.